**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 793/2012 AM3**

**Lista Numru: 38**

**Elmo Insurance Limited C3500) kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha Altour Company Limited u l-istess Altour Company Limited (C15474)**

**Abate Rigord Street,**

**Ta' Xbiex**

**Vs**

**Ministeru ghar-Rizorzi u Affarijiet Rurali**

**Project House,**

**Triq Francesco Buonamici, Floriana**

**U**

**Kunsill Lokali Valletta,**

**South Street,**

**Valletta**

**U b'digriet ta' nhar l-20 ta' Ottubru, 2014 gie kjamat in kawza u**

**d-Direttorat ghar-Restawr**

**Ospizjo**

**Triq Joseph J Mangion,**

**Floriana**

It-Tribunal,

Ra t-talba tas-Socjeta' attrici noe prezentata fid-29 ta' Novembru, 2012 li permezz taghha talab lill-intimati jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghall-incident li sar fil-21 ta' Marzu, 2011 meta waqt li Anthony Buhagiar ipparkja l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBK 632 proprjeta' tas-Socjeta' attrici Altour Company Limited fi Triq Marsamxett, Valletta waqa' gebel minn mas-swar li jaghtu ghal fuq l-istess triq fejn kienu qed isiru xogholijiet ta' restawr fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom u kkawzaw danni minhabba negligenza, traskuragni u imperizja, fis-somma ta' tlett elef mija u tnax-il ewro u seba' u ghoxrin centezmu (€3,112.27c) liema somma tirraprezenta d-danni kollha sofferi mis-Socjeta' attrici Altour Company Limited assigurat tas-Socjeta' Elmo Insurance Limited u li ghalihom ghamlu tajjeb in kwantu ghall-ammont ta' elfejn disa mija seba' u tmenin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€2,987.27c) is-Socjeta' attrici Elmo Insurance Limited u in kwantu ghall-ammont ta' mija hamsa u ghoxrin ewro (€125) l-istess Altour Company Limited bhala rizultat tal-imsemmi incident.

Ra a fol 9 ir-risposta tal-konvenut Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, li permezz taghha eccepixxxa li kwantu diretti kontra l-esponent it-talbiet tas-Socjetajiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Socjetajiet attrici stante li l-allegat incident msemmi fl-avviz tat-talba ma garax minhabba xi negligenza, imprudenza jew traskuragni da parti tal-esponent hekk kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smigh u t-trattazjoni tal-kawza u ghalhekk ma jirrispondix ghad-danni; li bla pregudizju ghal premess, kull allegat dannu jrid jigi ppruvat skont il-ligi.

Ra fol 36 li permezz taghha l-istess Ministeru konvenut eccepixxa lli huwa mhux l-legittimu kontradittur u l-verbal a fol 35 li permezz tieghu ddikjara li dan huwa l-Perit Norbert Galea bhala Direttur tad-Direttorat tar-Restawr u l-istess verbal fejn gie ordnat li l-istess Direttur jigi kjamat fil-kawza.

Ra li l-Kunsill Lokali tal-Belt fir-risposta tieghu a fol 22 eccepixxa li t-talbiet rikorrenti in kwantu diretti lejn l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li mhux responsabbli ghas-swar tal-Belt Valletta izda l-intimat l-iehor.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza a fol 40 et li permezz taghha eccepixxa li l-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li fiz-zmien in kwistjoni ma kien hemm l-ebda xogholijiet ta' restawr fuq is-swar mertu ta' dawn il-proceduri u kwindi l-intimat mhux responsabbli ghal dan l-incident u ghall-allegati danni subiti mill-attur.

Ra x-xhieda ta' WPC 19 Daniela Sultana li prezentat ir-rapport mill-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt ( fol 19 et) u xehdet li dakinhar tal-incident kienet xoghol fl-Ghassa tal-Belt meta cemplulha l-kollegi taghha l-Kuntistabbli 1435 number 202, 1302 u 1357 u infurmawha li sabu karozza taht is-Sur Triq Marsamxett, il-Belt li kellha xi hsarat u hgieg imkisser etc. hija ghamlet ir-rapport u fitxet is-sid u sabet li l-karozza kienet tghajjat lil AllTours Sunshine Rentals. Cemplet lir-rapprezentant tas-Socjeta' u qallha li ma kienx jaf min kien qed isuqha ghax kien bil-lejl u ghax kienu car rentals.

Kienu jafu pero' li l-vettura kienet qed tintuza mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Saret wara taf minn dawk li kienu xoghol fix-shift ta' filghodu li mara cemplet l-Ghassa u qalet li t-tifel taghha sab il-vettura li kellha xi hsarat. Kollegi taghha s-Surgent 728 u l-Kuntistabbli 594 marru fuq il-post u sabu li l-vettura kienet l-istess wahda.

Xehdet ukoll li l-Ispettur Micallef Grimaud kien ordna li l-vettura tmur ghand il-forensika biex jinvestigawha. Kienu kkuntatjaw lil Tony Galea mill-Kunsill Lokali tal-Belt u lis-Suprentendent Stephen Spiteri li kien inkariga mis-Swar tal-Belt Valletta li huwa mill-Ministeru tar-Rizorsi u li s-Surgent 325 illum Maggur Patrick Bonnici baghat e-mail lil Norbert Gatt li kien il-Perit responsabbli ghar-restawr. Hija l-vettura ma rathiex.

Ra a fol 46 il-kopja legali tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awwissu, 2012 notifikati lil konvenuti fl-24 ta' Awwissu, 2012.

Ra x-xhieda ta' George Stagno Navarra in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici a fol 50 li pprezenta l-claim form, r-repair bills u l-ircevuti, s-survey report u ritratti, il-police report u kopja tal-claim form.

Ra x-xhieda ta' Anthony Buhagiar a fol 51 et fejn spjega x'gara dakinhar tal-incident fil-21 ta' Marzu, 2011 kien qed isuq l-karozza DK 632 li kienet mikrija minghand l-agenzija fejn kien jahdem. Ipparkja l-karozza fil-kaxxi blu f'Old Mill Street il-Belt hdejn l-ufficcju. In-national coordinator tal-agenzija qallu biex iressaq l-karozza u hekk ghamel. Dan kien fil-hamsa ta' wara nofsinhar. L-ghada filghodu mar lura l-Belt fix-xoghol fis-sebgha ta' filghodu u baqa' impressjonat b'dak li ra meta mar hdejn il-vettura. Huwa pprezenta sett ta' ritratti li ghandhom hu u spjega li r-ritratt AB1 huwa r-ritratt tal-vettura, AB2 juri z-zewg gebliet fuq l-windscreen u l-windscreen imxaqqa, AB3 angolazzjoni differenti biex juri kemm jista ikun l-estend tal-hsara; AB4 d-dettal tas-saqaf kif kien mghaffeg; u AB5 juri l-hgieg u daqqiet mal-genb tal-mudguard, AB7 juri l-karozza minn quddiem u l-gebla li waqghet fuq il-windscreen tal-karozza. Xehed li huwa kkuntattja l-ufficcju u dawn cemplu lill-Pulizija. Ftit wara gew il-Pulizija tal-Belt biex jaraw il-hsara. Fuq struzzjonijiet tal-Pulizija huwa caqlaq il-karozza u hadha sal-forensika. Il-karozza kienet ipparkjata f'Marsamxett Road ftit il-boghod minn Zerc City li jinsab fejn il-Waterpolo Club.

In kontro-ezami huwa xehed li scaffolding mas-swar ma kienx hemm.

A fol 83 fl-affidavit taghha Gabriella Agius xehdet li hija tokkupa l-kariga ta' Segretarja Esekuttiva tal-Kunsill Lokali tal-Belt u li x-xoghol relatat mas-Swar tal-Belt ma kienx kompetenza tal-Kunsill izda ta' Ministeri u Dipartimenti Governattivi. Il-Kunsill la kellu x'jaqsam u lanqas gie involut f'dan ix-xoghol.

A fol 86 fl-affidavit tieghu Joseph Callus, Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura xehed li kwistjonijiet li jinvolvu s-swar u r-restawr taghhom hemm id-Direttorat tar-restawr li huwa responsabbli minnhom u mhux il-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura.

Ra a fol 88 permezz ta' affidavit, xehed il-Perit Norbert Gatt, Direttur fi hdan id-Direttorat tar-Restawr, li d-Direttorat huwa responsabbli li jirrestawra bini li jifforma parti mill-wirt storiku mifrux ma' Malta u Ghawdex. Xehed li d-Direttorat qatt ma rcieva ittra ufficjali minghand l-atturi u sar jaf b'dawn il-proceduri permezz ta' digriet tal-20 ta' Ottubru, 2014.

Xehed li f'dan il-kaz meta sehh l-incident ma kienx hemm xoghlijiet ghaddejjin mas-Sur fejn kienet ipparkjata l-karozza in kwistjoni u x-xogholijiet li kienu qed isiru kienu fuq ir-Restaurant Cockneys jigifieri madwar hamsin metro il-boghod mill-post fejn kienet ipparkjata l-karozza. Xehed li bejn il-Gimgha 18 ta' Marzu, 2011 ghal habta tal-4.30pm u t-Tnejn 21 ta' Marzu, 2011 ghal habta tas-7am ma kienx hemm xogholijiet ghaddejjin ghax il-haddiema fil-weekends ma jahdmux. Meta jkun hemm xogholijiet ghaddejjin huma dejjem jaghmlu hoarding cioe' fencing li ma jhallix karozzi jipparkjaw taht fejn ikunu ghaddejjin ix-xogholijiet u r-ritratti li esebixxa juru kemm id-Direttorat jiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jevita l-incidenti.

A fol 97 il-partijiet ddikjaraw li ghalqu l-provi ghajr il-Kunsill Lokali li ddikjara li jonqsu biss xi provi dokumentarji biex jaghlaq u nghata gimghatejn biex jaghmel dan. Tali provi dokumentarji qatt ma gew sussegwentement esebiti.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza u li s-Socjeta' attrici baqghet ma prezentatx in-nota taghha.

Ikkunsidra

Illi dan huwa kaz ta' danni fuq vettura li kienet ipparkjata fi Triq Marsamxett, il-Belt liema danni gew kawzati minn gebel li waqghu mis-Sur ghal fuq l-istess vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBK 632. L-incident gara fil-21 ta' Marzu, 2011.

Rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sollevat mid-Direttorat kjamat fil-kawza, id-Direttorat ssottometta li l-incident sehh fil-21 ta' Marzu, 2011 u gie kjamat fil-kawza fl-20 ta' Ottubru, 2014 u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma preskritti. L-Artikolu 2143 tal-Kap 16 jaghmilha cara li l-azzjonijiet ghal hlas ta' hsarat mhux kagonati b'reat huma milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Is-sentejn jibdew jghoddu mindu sehh l-incident.

Mill-atti jirrizulta li l-kjamat fil-kawza ghandu ragun u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li t-talbiet tas-Socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut bhala preskritti.

Rigward il-konvenuti l-ohra, jirrizulta car li dawn ma jahtu xejn ghall-incident de quo stante li hadd minnhom ma kien responsabbli ghall-manutenzjoni tas-Sur in kwistjoni.

Veru li s-Sur jinsab fil-Belt Valletta izda mill-provi ma jirrizultax li r-responsabilita' tal-manutenzjoni tieghu hija tal-Kunsill Lokali tal-Belt kif lanqas ma jirrizulta li tali manutenzjoni hija tal-Ministeru konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tas-Socjeta' attrici bl-ispejjez.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**